TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 80/15/GB

**Angela Grima**

**vs**

**Future Focus Ltd**

Illum 10 ta' Gunju 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' April, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tmien mitt Ewro (€800.00), rapprezentanti l-prezz li hallset lis-socjeta' attriċi ghal kors fuq 'childcare', liema kors m'huwiex rikonoxxut bhala kwalifika mill-istituzzjonijiet relevanti fil-pajjiz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda titlob rifużjoni totali ta' l-ammont li hija hallset lis-socjeta' attriċi, u dana peress li l-kors ta' 'childcare' li attendiet ghalih, m'huwiex rikonoxxut bhala kwalifika fuq l-ebda livell u minn l-ebda istituzzjoni f'Malta.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet segwenti:-

Illi meta r-rikorrenti bdiet il-kors, il-kors minnha magħżul kien adegwat u tajjeb għall-għan illi hija riedet tilħaq bil-kors illi kienet qiegħda tagħmel;

Illi, inoltre, l-istess socjeta' esponenti qatt ma tat xi garanzija illi l-kors magħżul mill-istess rikorrenti ser ikun dejjem ta' livell meħtieġ;

Illi, inoltre, is-socjeta' esponenti m'għandha l-ebda kontroll dwar jekk il-livelli jinbidlu wara illi jinbeda kors magħha;

Illi, inoltre, is-socjeta' esponenti m'għandha l-ebda kontroll dwar liema livelli ta' korsijiet *employers* prospettivi japplikaw u jekk *employers* prospettivi jitolbu livelli ta' korsijiet ogħla minn dak aċċettati fuq bażi nazzjonali, dan m'għandhiex twieġeb għalih is-socjeta' esponenti;

Illi, inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-istess rikorrenti setgħet tkompli bl-istudji tagħha u tuża l-kors in kwestjoni bħala bażi għal korsijiet oħrajn sabiex tgħolli l-livell tagħha.

B'riserva għal eċċezzjonijiet oħrajn illi jistgħu jingiebu fil-kors tal-kawża.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti, hija reggħat ikkonfermat il-verżjoni tagħha bil-miktub.

Ir-rikorrenti eżebiet kopja tar-riċevuti, li jammontaw għall-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800.00), flimkien ma' syllabus tal-kors in kwistjoni, li ġew immarkati bħala Dok.AG1; kopja ta' ittra mingħand MQRIC, li ġiet immarkata bħala Dok.AG2; kif ukoll kopja ta' email mibgħuta minn impjegata tas-socjeta' ntimata, li ġiet immarkata bħala Dok.AG3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda ġuramentata tagħha, reggħat ikkonfermat il-verżjoni tagħha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi meta r-rikorrenti kienet applikat għall-kors, Level 3 kien rikonoxxut f'Malta. Fl-2012 inħarġu 'recommendations'/'guidelines' li fejn possibbli jintuża Level 4. Stqarret illi talbuha Level 4 u r-rikorrenti kienet għadha qed tagħmel Level 3. Illi għalhekk, hija kienet irrakkomandat lir-rikorrenti li tieħu Level 4, bi prezz skontat ta' tmien mitt Ewro (€800.00) minnflok disgħa mija u ħamsin Ewro (€950.00), pero' hija ma aċċettatx. Żiedet tgħid ukoll illi r-rikorrenti bilfors kellha tibda minn Level 3, għaliex m'għandhiex O'Levels.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, josserva illi fuq ezaminazzjoni tal-provi, irrizulta ampjament car, li fiz-zmien meta r-rikorrenti applikat ghall-kors in kwistjoni l-imsemmija 'recommendations'/'guidelines' kienu ghadhom ma gewx ippubblikati. It-Tribunal josserva wkoll illi r-rikorrenti, stante li ma kellhiex O'Levels, ma kellha l-ebda ghazla hlief illi tibda mill-kors indikat bhala 'Level 3', u li fl-ahhar mill-ahhar kienet ir-rikorrenti stess illi rrifjutat li tkompli bil-kors indikat bhala 'Level 4', u dana nonostante r-riduzzjoni fil-prezz li gie offrut *buona volonta'* mis-socjeta' ntimata. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata u qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**